MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2010

Numru. 863/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Carol Cassar**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Carol Cassar ta’ 38 sena, bint Carmelo Richard u Carmen nee’ Baldacchino, imwielda il-Pieta’ fid-29 t’April, 1971 u residenti fil-fond Nru. 292, Triq Santa Domenika, Haz-Zabbar u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 191171(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Nhar il-25 ta’ April, 2009 u fil-granet ta’ qabel, f’Malta, xjentement laqet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq, jew akkwistati b’reat, li sar f’Malta jew xjentement, b’kull mod indahal biex ibiegh jew imexxi

dawn l-oggetti u dana bi ksur ta’ l-art. 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta’ Awwissu, 2009 (esebit *a folio* 7 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-14 ta’ Jannar, 2010 l-imputata iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tal-14 ta’ Jannar, 2010 ghall-akkuza kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li kkoperat fil-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll l-fatt li r-res furtiva giet ritornata lura u l-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’

Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------